MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 578/2006

**Victor Camilleri (ID 581757 M)**

**Vs**

**Magri & Zammit Retail Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Lulju, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` tliet mija, erbgha u hamsin lira (Lm 354), rapprezentanti drittijiet professjonali ghal servizzi rezi.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 9 ta` Awissu, 2006 li kkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li s-servizzi ma gewx rezi lilha kif titlob is-sengha u l-arti.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali rispettivi.

Ikkunsidra.

Illi mix-xhieda ta` l-istess attur jirrizulta li huwa kien il-konsulent tas-socjeta` konvenuta fil-kapacita` professjonali tieghu ta` accountant u awditur. L-ammont mitlub f’din il-kawza jirraprezentaw kemm l-audit fees tas-socjeta` konvenuta ghas-sena 2003 u kif ukoll ghal xi xoghol ta` accounts mahdum fis-sena 2004 u dana kif jidher mill-prospett ezebit u mmarkat Dok. VC 1. Li zied ighid illi s-socjeta` konvenuta kienet irrikonoxxiet li huwa kien effettivament hadem dan ix-xoghol tant illi hija kienet talbet lura l-hlas tal-VAT tieghu fl-ammont ta` Lm 54.

Anthony Magri ghas-socjeta` konvenuta jikkonferma li l-attur kien l-awditur tas-socjeta` konvenuta sas-sena 2003 oltre l-awditur ta` socjetajiet ohra fformati bejn l-istess ahwa Magri. Dan ix-xhud ma gharafx jirrispondi jekk l-attur kienx johrog kontijiet separati jew le ghas-servizzi li huwa jaghti lil diversi socjetajiet. Tali materja kienet taqa` f’idejn huh l-iehor Stephen Magri. Jikkonferma li kienu rcevew il-kont ta` l-attur pero` jispjega li dan ma kienx thallas peress illi skond l-accounts, is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet telf ta` diversi eluf filwaqt li wara xi xhur in segwitu rrizulta li dan ma kienx minnu u flok telf kienet ghamlet qliegh.  Meta kkonfrontat b’dan, l-attur kien spjega li huwa kien strah fuq il-figuri mghoddija lilu mill-accountant tas-socjeta` u li ma kienx ivverifika l-istess figuri.  In kontro-ezami pero` dan ix-xhud jikkonferma li d-diskrepanza li huwa semma` fil-fatt kienet tinstab fl-accounts tal-Magri & Zammit Group u mhux f’dawk tas-socjeta` konvenuta.  Inoltre meta mistoqsi biex jaghti aktar dettalji dwar il-format tas-socjetajiet ta` bejniethom u bi precizjoni dwar l-accounts tas-socjeta` konvenuta, huwa ma kienx f’pozizzjoni li jwiegeb.

Xehed direttur iehor tas-socjeta` konvenuta, jismu Noel Magri li jikkonferma l-problema li nholqot ma` l-attur meta ma kienux qablu mieghu fuq l-audit accounts tal-Group Magri & Zammit. Ghalhekk ma kienx thallas l-attur ta` l-invoice meritu ta` dina l-kawza.

It-tielet u l-ahhar direttur tas-socjeta` konvenuta Stephen Magri jikkonferma wkoll li l-ammont mitlub mill-attur f'dina l-kawza baqghet ma thalsitx minnhom. Huwa jikkonferma wkoll li s-servizzi ndikati mill-attur fil-fatt gew ezekwiti minnu. Jispjega li l-attur baqa` ma thallasx il-kont mitlub peress illi ebda wiehed miz-zewg diretturi l-ohra ma ried jiffirma mieghu c-cheque minnu mhejji u c-cheque kellu bzonn zewg firem. Huwa sar jaf li hutu kienu qed joggezzjonaw li jhallsu peress li kien sar xi zball fl-accounts pero` jkompli jispjega li se mai dan l-izball kien jirreferi ghall-accounts tal-partnership Magri & Zammit u mhux fl-accounts tal-kumpanija konvenuta per se`. Fil-fatt gia` saru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-accounts ta` l-imsemmija partnership, mhux parti f'din il-kawza. Jikkonferma wkoll li s-socjeta` konvenuta gia` kienet talbet lura l-hlas tal-VAT indikata fuq l-ammont tad-dritt pretiz mill-attur.

Illi dwar id-dokumenti ezebiti mis-socjeta` konvenuta permezz ta` nota datata 17 ta` Settembru, 2007, jigi notat li fl-ewwel lok ir-rapport ta` Deloitte ma jinsabx ikkonfermat bil-gurament oltre li huwa diskutibbli r-rilevanza tieghu fid-dawl tat-talba attrici filwaqt li ebda wahda mill-minuti ma jinsabu ffirmati. Meta rega` ttella` jixhed Noel Magri sabiex jispjega s-sinifikat tad-dokumenti minnhom ezebiti fis-17 ta` Settembru, 2007 huwa jerga` jirrepeti li d-diskrepanzi kienu johorgu mill-grupp kollu tal-kumpaniji. Jikkonferma wkoll li tali diskrepanzi hargu minhabba nformazzjoni hazina mghoddija minn Noel Scerri lill-attur. Dan Noel Scerri kien skrivan jahdem fl-ufficini ta` Magri & Zammit Group u li kien inghata "warning" ghal tali zball tieghu.

Illi mill-provi hawn fuq riprodotti ghandu jirrizulta mhux kontestat illi (1) s-servizzi ndikati mill-attur fid-dokumenti VC 1 fil-fatt kienu gew debitament ezekwiti minnu (2) illi

huwa ma kienx thallas ghal tali servizzi (3) illi l-hlas mitlub kien dirett biss fil-konfront tas-socjeta` konvenuta (4) illi l-hlas tal-VAT mitlub in konnessjoni mad-dritt pretiz fil-fatt kien gia` gie “claimed back” mis-socjeta` konvenuta u (5) illi l-ilment tas-socjeta` konvenuta kien dirett lejn xoghol ta` auditing allegatament ezekwit hazin fil-konfront tal-Group kollu u mhux fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u (6) li d-diskrepanzi nholqu mhux minhabba kalkoli hziena li wasal ghalihom l-attur izda minhabba informazzjoni erroneja mghoddija lill-attur minn impjegat tal-Group.

Jigi notat li ghalkemm l-attur seta` kien aktar attent meta gie biex jevalwa l-accounts tal-Group in generali, it-Tribunal jemmen pero` li dan ma ghandu x’jaqsam xejn mat-talba odjerna ta` hlas in vista tal-fatt li jidher li x-xoghol gie fil-fatt ezekwit minnu ghal beneficcju tas-socjeta` konvenuta u ma jidher li ma kien hemm xejn inkorrett f’dan ir-rigward tant illi l-istess socjeta` konvenuta ppretendiet li tiehu lura l-VAT fuq id-dritt ta` l-attur meta kienet ghadha lanqas biss hallset l-istess VAT u tanto meno d-dritt ta` l-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur, is-somma mitluba ta` Lm 354, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------